MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 713/2013

**L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Unilever plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Al Ryada Maritime Company ta' 23 July Street Beside Omar El Khaya M Hotel Near Bank of Commerce & Dev, Benghazi, Libja b'digriet tal-4 ta Settembru 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-24 ta' Lulju 2013 li jghid hekk:

1. IIIi s-socjeta attrici Unilever plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4Z0, Renju Unit, hija proprjetarja ta'

diversi markji, fosthom il-markji "SUNSILK" u "CLEAR" liema markji huma wzati mis-socjeta attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal shampoos u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B” u “C”;

2. IIIi s-socjeta attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-istess markji "SUNSILK" u "CLEAR" fil-komplessita taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No 6626 (Dok. “A”), Trademark No 14200 (Dok. “B”) u Trademark No 14201 (Dok. “C”), u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta lntelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema markju huwa wkoll irregistrat bhala Trademark Komunitarja mal-“Office for Harmonization in the Internal Market” tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht in-numri 002556967, 003806023, 0908087 u 05571815;

3. Illi jirrizulta illi fit-13 ta ' Lulju 2013 iddahhlet gewwa Malta fug il-vapur “CMA CGM FAUST”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-markji “SUNSILK” u “CLEAR” fug imsemmija, liema konsenja tikkonsisti fi flixken Sunsilk shampoo u Clear shampoo, liema ammonti ghadhom mhux maghrufa, b'Container Numru TEMU 6483489 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru GGZ0521981 (Dok. “D”) jirrizulta li l-konsenjatarju tal-prodotti in kwistjoni huwa ndikat bhala Al Ryada Maritime Company ta' Benghazi, Libja, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper huma Ningbo Chiao Feng Shipping Co. Ltd. ta ' Guangdong, China;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew I-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projbit skond I-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attici skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, li favur taghha huma rregistrati l-markji “CLEAR” u “SUNSILK” u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici skond l-artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attirici skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' proprjeta intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta attrici;

7. Illi din il-konsenja ta' prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (kopja ta' l-applikazzjoni immarkata bhala (Dok “E”);

8. Illi l-Avukat Dr. Michael Grech noe. jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fi fliexken Sunsilk shampoo u Clear shampoo

liema ammonti mhux maghrufa, b'Container Numru TEMU 6483489, da parti tas-socjeta konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontroll ur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414. u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici bin-numri 6626, 14200 u 14201 (fir-Registru tal-Markji ta' Malta);

3. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta ' prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-artikolu 21 (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta attrici bin-numri 6626, 14200 u 14201 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademarks Komunitarji Numru 002556967, 003806023 0908087 u 05571815; registrati f’isem is-socjeta attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicernbru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja));

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut. skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta. u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta attrici;

6. tordna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna. tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-3 ta' Ottubru 2013 fejn ecceppew li:-
Illi l-kuraturi gew notifikati bl-atti tal-kawza hawn fuq citata fit-tletin (30) ta' Settembru 2013 u ghamlu tentattiv sabiex jikkuntatjaw lis-socjeta intimata, pero sallum dan it-tentattiv ghad ma kellux ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant f'kaz li jirrnexielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki "SUNSILK" u "CLEAR" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks skond Dok. A sa C annessi mal-istess cioe dawk registrati Malta bin-numri 6626, 14200, 14201, kif ukoll dawk Komunitarji bin-numri 002556967, 003806023, 0908087 u 05571815.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru TEMU 6483489 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM FAUST li kien diehel Malta fit-13 ta' Lulju 2013 l-Ufficjali tad-Dawna sabu konsenja ta' prodotti bil-marki tas-socjeta attrici, liema konsenja tikkonsisti fi tmienja u tletin elf u sittax (38,016) flixkun CLEAR shampoo, u hamsa u ghoxrin elf tmien mija u erbgha u ghoxrin (25,824) flixkun SUNSILK shampoo, u li

kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 23 ta' Settembru 2013 (Dok. MG1 fol. 55) maghmul minn Isam Badwailan imqabbad mis-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 27 ta' Settembru 2013 (Dok. MG2 fol. 51) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Isam Badwailan li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fil-prospett (Dok. MG1 fol. 50). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati,

1. Tiddikjara li t-tmienja u tletin elf u sittax (38,016) flixkun shampoo bil-marka CLEAR, u hamsa u ghoxrin elf tmien mija u erbgha u ghoxrin (25,824) flixkun shampoo bil-marka SUNSILK in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja in kwistjoni b’container numru TEMU 6483489 da parti tas-socjeta konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

4. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana, kif elenkati kollha fil-prospett Dok. MG1 fol. 50;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba peress li ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------